## Laqgħa Pubblika

## It-Tnejn 12 ta' Diċembru, 2014

## Fl-Uffiċċju tal-Kunsill, fis-7.00p.m.

### Minuti tal-Laqgħa

Preżenti : - Dr Daniel Attard (Sindku)
Sur Emanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Sur Joseph Farrugia (Kunsillier)
Sur Frank Formosa (Kunsillier)
Sur Mario Mizzi (Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ)

Uffiċjali:- Sur Ruben Cassar (Segretarju Eżekuttiv)

Għal-laqgħa kienu mistednin ir-residenti kollha tar-raħal.

Intqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qara ir-rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2014. Huwa spjega fid-dettal ix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill. Rapport tad-diskors kollu tas-Sindku huwa mehmuz ma' dawn il-minuti.

Is-Sindku ta rendikont ukoll ta' kif ġew mqassma l-flus li se jkunu allokati mill-Gvern Ċentrali għas-sena finanzjarja 2015 kif ukoll tal-pjanijiet tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjien. Wara huwa stieden lir-residenti biex jagħmlu l-mistoqsijiet u jresqu s-suġġerimenti jew ilmenti tagħhom.

Miriam Patricia Whitaker ikkumplimentat lill-Kunsill dwar l-indafa tar-raħal iżda talbet li titnaddaf aktar ta' spiss il-bus shelter li hemm fil-Pjazza. Hija faħret l-inizjattiva li qed jieħu l-Kunsill meta jippubblika l-avviżi tiegħu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż peress li hi Ingliża u għalhekk tkun tista' tifhem x'qed jagħmel il-Kunsill. Miriam Patricia Whitaker qalet ukoll li l-Health Talks li ġew organizzati mill-Kunsill huma importanti ħafna għar-residenti. Hija issuġġeriet li meta isiru attivitajiet mill-Kunsill ir-residenti għandhom ikunu mitluba iħallsu aktar sabiex l-ispiża ma tkunx ta' piż fuq il-Kunsill. Hija issuġġeriet sabiex fil-futur il-Kunsill jorganizza Educational Talks.

Is-Sindku irringrazzja lil Miriam Patricia Whitaker tal-kumplimenti li għaddiet dwar diversi servizzi li joffri l-Kunsill. Dwar il-Bus Shelter is-Sindku informaha li ser jieħu nota ta' dan is-suġġeriment u isir it-tindif b'mod regolari. Dwar l-attivitajiet is-Sindku qal li dawn qed

ikunu sussiddjati mill-Kunsill sabiex ikolna kemm jista' jkun parteċipazzjoni tajba f'kull attivita li issir. L-għan tal-Kunsill huwa li r-residenti jersqu iktar qrib tal-Kunsill u jipparteċipaw fl-attivitajiet kollha li jiġu organizzati matul is-sena. Il-Kunsill se jikkonsidra ukoll li jorganizza iżjed korsijiet edukattivi.

Miriam Patricia Whitaker staqsiet ukoll jekk il-Kunsill hux se jibni l-playing field bil-fondi tiegħu jew fondi tal-EU. Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux possibbli għalih li jibni l-playing field jekk ma jirnexxielux iġib fondi mill-EU jew minn xi skemi speċjali li jista' jniedi l-Gvern Ċentrali. Huwa maħsub li dan il-proġett ikun jinkludi parking, playing equipment, town hall u faċilitajiet oħra. Il-priorita tal-Kunsill hija li l-ewwel jakkwista l-art fejn jista' jsir dan il-proġett u wara inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi biex dan il-proġett ikun jista' jitwettaq.

Jean Paul Pagnoud irringrazzja lill-Kunsill tax-xogħol siewi li qed iwettaq fir-raħal. Huwa qal li jixtieq li jara aktar siġar imħawlin fil-pjazza. Is-Sindku qal li fil-pjazza huwa diffiċli li jitħawlu siġar peress li hija kollha mibnija u m'hemmx ħafna spazju. Is-Sindku qal li l-pjan tal-Kunsill kif diġa semma huwa li jibni playing field fuq in-naħa ta' wara tal-Knisja u għalhekk jitħawlu diversi siġar meta jkun qed isir dan il-proġett.

Il-Laqgħa pubblika spiċċat fit-7.45pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Daniel Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |